# IL-POETA RUŻAR BRIFFA (2)

## Diwi kontinwu tax-xewqa biex jerġa' jingħaqad ma' ommu

STEPHANIE CACCIATTOLO / scacciattolo@unionprint.com.mt



*Ikompli mill-ġimgħa l-oħra*

Il-poeta jipprova jaħrab min-nies tad-dinja billi jfittex postijiet imbegħdin iżda wkoll billi jistħajlu għadu f'ġuf ommu. Din ix-xbieha tidher f'"Ilbieraħ" fejn Briffa jesprimi d-dwejjaq kbar li għandu. Jibda l-vers tal-ewwel erba' strofi bil-kelmiet "Ilbieraħ kont imdejjaq" u wara jispjega għaliex. Fl-ewwel strofa jilmenta kif huwa "seftur ta' swied il-qalb" u li lanqas it-talb mhu qed ifarrġu. Fit-tieni strofa jsemmi kif xi ħadd weġġgħu iżda ma jiftakarx min. Minkejja dawn il-ħsibijiet koroh, Briffa jikkonsla billi jimmaġinah għadu f'ġuf ommu għall-kenn, u jħoss li fl-aħħar sab il-mistrieħ li ilu jfittex:

"Stħajjiltni li f'ġuf ommi
Għall-kenn u l-benna dħalt;
U minn tant dmugħ u niket,
Jien sibt is-serħan f'salt"

Għall-poeta ommu hi l-mezz ta' faraġ fil-ħajja u ma jkunx irid juriha li huwa mdejjaq. Dan il-ħsieb jidher fil-poeżija "Lil Ommi (Omm int le taf)" fejn ma jurix il-miżantropija (jiddejjaq jitħallat man-nies) tiegħu u lanqas in-niket li jaħkem lil qalbu:

"Omm, int le taf il-bikja l'għandi f'qalbi,
U le taf għala jien ma nidħak qatt,
Għax ċħadt lil sħabi, għax nitbekka f'talbi,
U sirt lid-dinja nobgħod u 'l kulħadd"

Hu m'għandux tama li għad isib il-ferħ u dan jidher bl-użu tax-xbieha tar-riħ li dejjem qiegħed jistennieh wara biebu. Ir-riħ hu simbolu tal-għawġ tal-ħajja li huwa dejjem miegħu. Dan l-għawġ huwa t-toqol tal-ħajja, il-mard li m'għandux fejqan, il-faqar u l-għajja mentali u fiżika. Briffa jagħlaq il-poeżija billi jgħid li ommu hi l-uniku rifuġju tiegħu:

"Aħjar hekk, omm, aħjar taf biss li qalbi
Terġa' tithenna xħin tħares lejk,
U ħaġa waħda biss issaħħaħ talbi:
Ħarsa ta' mħabba minn ħlewwet għajnejk"

Briffa jibda kull strofa bil-frażi "Aħjar hekk, omm..." minbarra l-ewwel waħda. Huwa ma jridx juri lil ommu minn xiex huwa għaddej. L-omm hi mxebbha ma' figura ta' faraġ u ta' mħabba mill-poeta daqslikieku hi r-ragħaj it-tajjeb. F'"Lil Ommi" Briffa jibki lil ommu biex tbennu għax jinsab f'qagħda kerha. Juża kantaliena li kienet tgħannilu ommu fuq tifel imqareb li ntilef iżda l-omm talbet lill-Bambin u sablu t-triq lura d-dar. Din ix-xbieha tal-omm hi influwenzata minnagħġa l-mitlufa li Kristu baqa' sakemm sab u l-poeta jqabbel lilu nnifsu mat-tifel il-mitluf. Ix-xbieha tar-riħ jokrob bla mistrieħ reġgħet qiegħda tidher u jrid lil ommu taħbilu l-hemm li hemm fid-dinja:

"Aħbili li hemm barra
Qed jokrob ir-riħ,
Bħal ruħ qiegħda tfittex,
Għalxejn, il-mistrieħ"

Il-poeta hu nostalġiku u patetiku għax jixtieq li għadu tarbija li ma taf xejn dwar id-dinja u li l-omm dejjem hemm biex tipproteġiha. Ix-xewqa għat-tfulija juriha billi jgħanni dil-poeżija f'forma ta' taħnina fejn ir-rima u l-versi jqanqlu l-emozzjonijiet tal-qarrej. Id-dinja hi mimlija dlam, ksieħ u dwejjaq, u l-poeta jibża' minn dan kollu:

"U nfirxet ir-reżħa
U d-dlam fuq ix-xagħri,
U sfajt għajjien mejjet,
Imriegħex minn dwari"

Jekk il-poeta ma jixtieqx il-kumpanija ta' ommu, huwa ma jixtieq il-kumpanija ta' ħadd u dan jidher f'"Waħdi". Il-poeta bħala bniedem solitarju jtenni kemm-il darba l-kelma "waħdi" anki jagħmel hekk għall-enfasi. Id-dwejjaq li ħakmuh qatgħuh mill-bqija ta' sħabu u l-illużjoni tal-imħabba komplew iġarrfulu d-dinja idillika tiegħu. Hu jitħassar lilu nnifsu għax jistqarr li qatt ma xtaq ikun waħdu imma l-bnedmin warrbuh. Il-poeta qiegħed ifittex "il-Bieb tal-Għan" li jirreferi għall-hena tal-ħajja u r-raġuni tal-għaliex għandu jgħix. Huwa deluż għax ma jistax isibu u l-illużjonijiet ta' madwaru gerfxulu t-triq:

"Dejjem xtaqt li ma nkunx waħdi,
Dejjem xtaqt imħabba u ħbieb,
Imma ħadd ma ried igħinni
Biex tal-Għan insib il-Bieb"

L-aħħar strofa tagħlaq bis-sentiment ta' biża' kbir li għad isib il-bieb figurattiv tal-kuntentizza iżda jkun deluż għax jibqa' waħdu. L-għaja tat-tiftixa, l-illużjoni li l-imħabba għad tifdi d-diq ta' ġo fih u l-eżistenzjaliżmu huma l-punti ewlenin ta' din il-poeżija. Il-poeta bħala tabib ra ħafna mwiet u nies morda bil-lebbra. Dawn qanqlu fih ħsus ta' biża' li jidhru f'"Fl-Indja". Din il-poeżija qasira turi t-tbatija li ra u jistqarr li dan kien perjodu ta' turment għalih tant li spiċċa nbela' fih innifsu. Briffa għamel perjodu waqaf jikteb minħabba n-niket li ġarrab xħin ra t-tbatija ta' dawn in-nies:

"U demmi kesaħ fija,
Għall-ewwel darba mitt:
Għal żmien indfint ħaj mejjet,
Għal żmien mill-għana skitt"

Briffa għadda ħajtu kollha mnikket għax il-ħajja qatt ma daħqitlu. Il-poeta jara l-ironija tal-ħajja li għax issa li sab il-kuntentizza f'ħajtu, din kellha titteħidlu fi żmien qasir: "Sajjetta bla ħsieb/ Fid-dalma ta' lej'". Il-lejl huwa użat bħala l-ħin ta' ksieħ, ta' dlam u tal-waħx li fih joħorġu l-beżgħat kollha tal-bniedem.

